MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Appell Civili Numru. 3/2012

**Decizjoni arbitrali numru 001/12**

**Adolf Micallef**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Il-Qorti**

**Rat** li l-Arbitru tas-Sigurta' Socjali taht l-Att dwar is-Sigutra' Socjali (Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta) ddecieda l-vertenza fl-ismijiet premessi fid-9 ta' Jannar 2012 bis-segwenti decizjoni:-

***"L-Arbitru***

***Ra l-appella***

***Ra r-risposta***

***Ikkunsidra:***

*Illi l-appellant kien beneficcjarju t'Ghajnuna ghall-Qghad. Intbaghtet ittra datata tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2007 fejn gie infurmat li ma kienx aktar intitolat ghal beneficcju ghar-ragunijiet hemm indikati.*

*L-appellant inoltre dahhal l-appell tieghu fit-tmintax (18) ta' Dicembru 2008. Ai termini tal-Art 108 (3) tal-Kap 318 tali appell irid jigi prezentat fi zmien 30 jum. L-appellant dahhal l-appell tieghu oltre dawn it-30 jum fatali. Id-direttur kien korrett fl-ewwel sottomissjoni tieghu.*

*Una volta huwa fuori termine, l-appell ma jistax jigi konsiderat.*

*L-appell qed jigi michud."*

**Rat** li Adolf Micallef hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u ghalhekk interpona appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-Appell tal-appellant fejn gie premess :-

Illi fid-9 ta’ Jannar 2012 l-Arbitru tas-Sigurta’ Socjali taht l-Att dwar is-Sigurta’ Socjali (Kap. 318 tal-Ligijiet ta’ Malta) ta’ decizjoni fuq l-appell li intavola r-rikorrent fil-konfront tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali li biha cahad l-appell intavolat minnu.

Illi l-appellant hass ruhu aggravat bid-decizjoni ta’ l-Arbitru tas-Sigurta’ Socjali ghar-ragunijiet is-segwenti:-

Illi ghandu jinghad mill-ewwel illi bhala fatt, ghalkemm l-appell tieghu li gie intavolat ma’ l-Arbitru tas-Sigurta’ Socjali gie intavolat oltre t-terminu perentorju ta’ tletin gurnata kif jistipula l-artikolu 108 (3) ta’ l-istess Att, dan l-appell gie accettat mill-Arbitru u beda jinstema’ u fil-fatt gie ikkunsidrat mill-istess Arbitru skont kif titlob il-ligi fl-Att dwar is-Sigurta’ Socjali taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 108 ta’ l-Att li jitratta dwar l-appell ta’ persuna lil Arbitru li thossha aggravata bid-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta’ Socjali.

Illi tant hu minnu dan u veritier illi mill-Ufficcju ta’ l-Arbitru tas-Sigurta’ Socjali huwa rcieva ittra ta’ notifika bid-data tal-14 ta’ Jannar 2009 fejn huwa gie infurmat bid-data u l-lok ta’ meta u fejn sejjer jinstema’ l-appell tieghu li gie intavolat fit-18 ta’ Dicembru 2008 liema ittra qatt ma waslitlu fil-hin b’mod li huwa jkun jista’ jattendi fil-gurnata li kellu jinstema’ l-appell peress li huwa ma kienx jghix fl-indirizz fejn intbghatet l-ittra izda kien jghix f’indirizz iehor il-Birgu.

Illi wara li huwa appella mid-decizjoni tal-Arbitru tas-Sigurta' Socjali mid-decizjoni ta' l-istess Arbitru tat-23 ta' Frar 2009 liema appell intlaqa' mill-Qorti ta' l-Appell (Kompetenza Inferjuri) b'sentenza tal-5 ta' Gunju 2009 fuq il-bazi li d-decizjoni ta' l-arbitru kienet irritwali u nulla peress illi ma saritx notifika regolari huwa rega' gie notifikat bid-data u l-lok ta' meta u fejn sejjer jinstema' l-appell tieghu.

Illi din in-notifika tad-data u l-lok ta' meta u fejn sejjer jinstema' l-appell saret permezz ta' ittra datata 19 ta' Novembru 2009 li ntbghatet lir-rikorrenti fl-indirizz tieghu l-Birgu.

Illi sussegwentament dan l-appell baqa' jigi differit u saru numru ta' seduti biex finalment inghatat id-decizjoni tal-Arbitru li minnha qed isir dan l-appell fid-9 ta' Jannar 2012 li permezz taghha l-Arbitru cahad l-appell tar-rikorrenti fuq il-bazi li fl-appell gie intavolat tardivament oltre t-terminu ta' tletin gurnata kif tistipula l-ligi fl-Artikolu 108(3) tal-Att dwar is-Sigurta' Socjali.

Illi din id-decizjoni tal-Arbitru hija zbaljata peress illi una volta l-appell gie accettat u beda jinstema', in-nuqqas ta' osservanza tar-rikorrenti li jintavola l-appell tieghu fiz-zmien li trid il-ligi gie sanat mill-istess Arbitru peress li l-istess Arbitru accetta l-appell u beda jinstema' l-istess appell.

Illi ghandu jinghad ukoll illi d-decizjoni tieghu hija wahda zbaljata peress li l-Arbitru ezercita d-diskrezzjoni tieghu fuq interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi.

Illi ghandu jinghad, illi l-ipotesi tal-ligi kkontemplata fl-Artikolu 108(3) u l-principju li johrog mill-istess dispozizzjoni, li persuna aggravata bid-decizjoni tad-Direttur trid tintavola l-appell taghha f'terminu ta' tletin gurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub, m'hijiex wahda

assoluta. Illi dan huwa hekk peress li din id-dispozizzjoni tibda bit-termini "*bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tas-sub-artikolu (1)*", liema dispozizzjoni fl-Artikolu 108(1) taghti d-dritt lil persuni elenkati fl-istess dispozizzjoni li jintavolaw appell lil Arbitru fuq punt ta' ligi jew principju ta' osservanza.

Illi mid-dicitura tad-dispozizzjoni ta' l-Artikolu 108(3) jidher illi l-legislatur ikkontempla eccezzjoni ghall-osservanza li l-persuna aggravate trid tintavola l-appell taghha fi zmien tletin gurnata peress illi d-dritt ta' l-appell ta' persuna aggravate jirbah fuq il-htiega li wiehed jipprezenta l-appell tieghu fit-terminu stipulat.

Illi ghaldaqstant jidher bl-aktar mod car u lampanti li r-rimedju ta' l-appell moghti permezz ta' l-Artikolu 108(1) bl-ebda mod ma jista' jigi stultifikat minhabba nuqqas ta' osservanza legali ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 108(3) li l-persuna aggravata trid tintavola l-appell taghha fi zmien tletin gurnata minn dakinhar li d-Direttur jikkomunika d-decizjoni tieghu bil-miktub lil persuna li hija aggravate bid-decizjoni.

Illi tant huwa minnu li l-ipotesi ta' htiega ta' osservanza ma' terminu perentorju biex jigi pprezentat appell m'hijiex assoluta illi f'dispozizzjoni ohra ta' l-istess artikolu fl-artikolu 108(7) l-ligi tghid li *'f'kull kaz meta l-Arbitru jiddeciedi li jisma' appell jew riferenza verbali, ghandha tinghata notifika ragonevoli tal-hin u lok li fih ikun sejjer isir is-smigh lir-rikorrent'.*

Illi minn din id-dispozizzjoni johrog il-fatt illi jekk l-arbitru jottempera ruhu mal-htiega ta' notifika ragonevoli skont kif titlob il-ligi fid-dispozizzjoni imsemmija allura dan ifisser li l-Arbitru ikun iddecieda li jisma' l-appell anke jekk l-appell ikun dahal tardivament u t-terminu perentorju ma jkunx gie osservat mir-rikorrent.

Illi ghaldaqstant jekk l-Arbitru jiehu konjizzjoni tal-appell u jiddeciedi li jisma’ l-appell u jisma’ s-sottomissjonijiet tal-partijiet l-Arbitru ghandu jiddeciedi l-appell fuq il-mertu tieghu u mhux jirrigetta l-istess appell fuq bazi ta’ nuqqas ta’ osservanza mat-terminu perentorju ta’ tletin gurnata taht l-artikolu 108(3).

Illi mill-atti jirrizulta li l-Arbitru accetta l-appell ta’ l-appellant u beda jisma’ l-appell peress illi mill-bidu nett li l-appell gie intavolat l-Arbitru baghat notifika tad-data tas-smigh ghalkemm f’indirizz zbaljat u wara li d-decizjoni ta’ l-Arbitru giet dikjarata nulla u irritwali bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta’ Gunju 2009 l-Arbitru rega’ innotifika lill-appellant bid-data tas-smigh u kompla jisma’ l-appell fejn fil-fatt saru numru ta’ seduti.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellant qed jitlob li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni ta’ l-arbitru u b’hekk tilqa’ dan l-appell.

**Rat** ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Sigurtà Soċjali) fejn gie sottomess:-

1. Illi bil-preżenti risposta, l-esponent *qua* appellat ser iwieġeb għar-rikors tal-appell interpost mill-appellant Adolf Micallef li permezz tiegħu talab ir-revoka ta’ deċiżjoni mogħtija mill-Arbitru fid-9 ta’ Jannar 2012 fejn ċaħdet l-appell tiegħu abbażi tal-fatt li, ai terminu ta’ l-**artikolu 108(3) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta’ Malta**, tali appell sar fuori termine;

2. Illi in sinteżi Adolf Micallef appella minn din id-deċiżjoni b’aggravju, skont hu li għalkemm l-appell tiegħu ġie intavolat ma’ l-Arbitru oltre t-terminu perentorju ta’ tletin ġurnata kif jistipula l-artikolu 108(3) ta’ l-istess Att, una volta li dan l-appell ġie aċċettat mill-Arbitru u beda jinstema’ u ġie kkunsidrat mill-istess Arbitru, in-nuqqas ta’ osservanza tar-rikorrenti li jintavola l-appell tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi ġie sanat mill-istess arbitru; li l-arbitru eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu fuq interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi għar-raġuni tal-fatt li peress li l-artikolu 108(3) jibda bit-termini ”[b]la ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)”, liema disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 108(1) tagħti d-dritt lil persuni elenkati fl-istess disposizzjoniji li

jintavolaw appell lil Arbitru fuq punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza, d-dritt ta' l-appell ta' persuna aggravata jirbaħ fuq il-ħtieġa li wieħed jippreżenta l-appell tiegħu fit-terminu stipulat; li mill-artikolu 108(7) fejn jgħid li "[f]'kull każ meta l-Arbitru jiddeċiedi li jisma' appell jew riferenza verbali, għandha tingħata notifika raġonevoli tal-ħin u lok li fih ikun sejjer isir is-smigħ lir-rikorrent" joħroġ il-fatt li jekk l-arbitru jottempera ruħhu mal-ħtieġa ta' notifika raġonevoli skont kif titlob tali disposizzjoni allura l-Arbitru ikun iddeċieda li jisma' l-appell anke jekk l-appell ikun daħal tardivament u t-terminu perentorju ma jkunx ġie osservat mir-rikorrent;

3. Illi dan premess, l-appellat mill-ewwel jirrileva l-inammissibilità u l-frivolosità ta' dan l-Appell.

4. Illi tali argumenti jmorru kontra kull sens ta' ġustizzja tant li l-ebda qorti ma ddikjarat dak mtenni mill-appellant. Anzi, <u>l-Qrati ta' l-Appell ddikjaraw appelli bħala irriti u nulli għaliex ġew intavolati tardivament anke meta l-eċċezzjoni tal-fuori termine ġiet skartata għal kollox mill-arbitru</u> aħseb u ara f'każ bħal dan fejn l-arbitru stess laqa' l-eċċezzjoni preliminari tad-direttur appellat u ċaħad l-appell quddiemu stante li kien *fuori termine*;

5. Illi tabilħaqq, fis-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet **Philip Zerafa vs Direttur tas-Sigurtà Soċjali**, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ddikjarat li - *"[f]'dan il-kaz, imbaghad, tezisti raġuni oħra għal din in-nullita. Jidher ferm ċar illi l-Arbitru skarta għal kollox l-eċċezzjoni preliminari tad-Direttur tat-tardivita tal-gravam ta' l-appellanti lill-istess Arbitru, u li konsegwentement kien jirrendi l-appell lilu inammissibbli. Dan għal raġuni illi dak l-appell ippreżentat fid-9 ta' Awissu, 2009 kellu fuq il-fehma tad-Direttur jitqies fuori termine ġjaladarba ma sarx fit-terminu statutorju utli prevvist fl-inċiż (3) ta' l-Artikolu 108 tal-Kapitolu 318, ossija fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni tad-Direttur (3 ta' Gunju, 2009). Għal motivi predetti din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata"*

6. Illi bid-dovut rispett, ir-raġuni tal-appellant twassal għal konklużjoni illoġika li l-frażi ”[b]la ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)” fis-subinċiż (3) tal-artikolu 108, ixxejjen fix-xejn dak dispost fil-kumplament ta’ l-istess subinċiż bir-riżultat li l-kontenut kollu fis-subinċiż (3) ikun għalxejn u bla skop;

7. Illi dak li qed jikkontendi l-appellant ċertament m’għandux mis-sewwa iżda jmur kontra d-dispost espress tas-subinċiż 3 stess. L-interpretazzjoni korretta wara l-frażi ’bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1)’ hija li appell dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta’ liġi jew prinċipju ta’ importanza ai termini tas-subinċiż (1) ta’ l-artikolu 108, isir skont il-modalita ta’ dak dispost fis-subinċiż (3) ta’ l-istess artikolu u ċjoe bil-miktub lill-Arbitru fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ;

8. Illi l-anqas ma hi idoneja l-interpretazzjoni ta’ l-appellant wara s-subinċiż (7) ta’ l-istess artikolu 108. Bir-rispett kollu l-imsemmi subinċiż ma jagħtix għażla lill-arbitru jekk jibgħatx in-notifika jew le. Anzi, is-subinċiż 7 jimponi l-obbligu li tingħata notifika raġonevoli tal-ħin u lok li fih ikun sejjer isir is-smigħ lir-rikorrent <u>f’kull każ meta l-Arbitru jiddeċiedi li jisma’ appell</u>”;

9. Illi huwa neċessarju in virtù tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali tal-*audi alteram partem* li, bħal ma wara kollox isir f’kull sede u fi kwalunkwe sezzjoni tal-Qrati Ċivili, appell li jkun ġie ntavolat tardivament ukoll jiġi appuntat għas-smiegħ. Huwa inawdit li appell, għax ikun ġie preżentat fuori termine, irid jiġi skartat mill-ġudikant għax inkella, skont kif qed jimmaġina l-appellant, l-ġudikant ikun irid jisma l-appell fil-mertu xorta waħda;

10. Illi bid-dovut rispett, tali viżjoni prospetta mill-attur tissarraf f’sitwazzjoni assurda fejn l-appelli kollha li ġew annullati mill-Qrati tagħna għaliex ġew intavolati oltre t-terminu stabbilit ma kellhomx jiġu hekk annullati għax dawn kienu ġew appuntati għas-smiegħ liema smiegħ kien anke ġie notifikat lill-partijiet konċernanti u għalhekk il-Qrati tagħna kellhom xorta waħda jiħdu konjizzjoni tal-mertu;

11. Illi dan ir-raġunament ma jistqax jitqies validu, anzi huwa bla dubju msejjes fuq viżjoni kompletament żbaljata tal-liġi. Il-ħsieb tal-leġislatur ċertament ma kienx dan li qed jiffantastika l-appellant. Kieku l-ħsieb tal-leġislatur kien hekk, kieku ma kienx sejjer jagħti lok permezz ta' l-**artikolu 732(1) tal-Kap. 12 tal-Li[ijiet ta' Malta** li eċċezzjonijiet perentorji jkunu jistgħu jingħataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell anke meta ma jkunux ġew mogħtija fil-qorti ta' l-ewwel grad;

12. Illi jsegwi għalhekk li gjaladarba t-terminu kif stabbilit taħt l-artikolu 108(3) tal-Kapitolu 318 ma ġiex osservat mill-appellant, l-arbitru ġustament ma setgħax jilqgħa l-appell intavolat minnu u dan mhux biss għaliex tali terminu huwa wieħed perentorju izda għax huwa wkoll wieħed ta' ordni pubbliku;

13. Illi għaldaqstant, meta si tratta dwar l-osservanza ta' termini imposti mil-liġijiet speċjali kif hemm kalendat fl-imsemmi artikolu 108(3), billi dawn it-termini huma ta' ordni pubbliku, ma jistgħux għall ebda raġuni jiġu estiżi, lanqas "ma jistgħu jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula" (vide **Alexander Caruana vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Gunju 2010);

14. Illi ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fil-31 ta' Mejju 2002 fl-ismijiet **Alfred Cassar vs L-Awtorità tal-Ippjanar** meta rritenit li "*[f]ilwaqt li din il-Qorti ma tistax ma tissimpatizzax xi ftit ma' l-appellant għas-sitwazzjoni li sab ruħu fiha, pero' ma jidhirlhiex li din il-proċedura t'Appell addottata mill-appellant tista' tkun waħda valida u skond il-liġi. Dan għaliex il-liġi issemmi espressament it-termini li kellhom jiġu osservati u la darba dawn ma jiġux osservati is-sanzjoni ineżorabbili tan-nullita' trid bilfors tiġi applikata*";

15. Illi in vista ta' dak sottomess, dan l-appell m'huwa xejn ħlief tentattiv aħħari sabiex tiġi frustrata l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tad-direttur li ormai hija finali u li għalhekk għandha titqies *causa finita*. Biex jiskansa

ruħu minn din il-qagħda l-appellant kien jeħtieġlu jinterponi appell fit-terminu stipulat fl-**artikolu 108(3) tal-Kap. 318 tal-Liġijiet ta' Malta**;

16. Attiż dan kollu, l-appell sottomess mill appellant Adolf Micallef huwa karenti minn fondament fattwali u ġuridiku u għandu jiġi riġettat bħala frivolu u vessatorju.

Ghal dawnir-ragunijiet l-appellat qed jitlob li dasn l-appell jigirespint u michud u b'hekk tigi konfermata d-deċiżjoni taal-Arbitru.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell, kif ukoll l-atti kompilati quddiem l-Arbitru.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:-**

Il-presenti hu appell minn decizjoni tal-Arbitru tas-Sigurta' Socjali taht l-Att dwar is-Sigutra' Socjali (Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-vertenza fl-ismijiet premessi. L-Arbitru ddecieda billi cahad l-appell intepost quddiemu minn Adolf Micallef stante li l-appell quddiemu gie presentat fuori termine.

L-uniku aggravju tal-appellant Micallef jikkonsisti fil-fatt li ghalkemm l-appell gie intavolat oltre it-terminu ta 30 gurnata kif trid il-ligi skond l-artikolu 108(3) tal-imsemmi Att dwar is-Sigurta' Socjali xorta wahda l-Arbitru accetta l-appell kif ukoll beda jittrattah u dan skond l-appellant jissana l-appell u cioe' jissana l-

fatt li l-appell sar tardivament. Dan hu argument infondat fil-ligi u ghalhekk dan l-ewwel aggravju ghandu jii rigettat.

In effett l-appellat Direttur Ġenerali tas-Sigurta Soċjali fir-risposta tieghu jibda biex jirrileva l-inammissibilità u l-frivolosità ta' dan l-Appell. In effett hu korrett l-appellat meta jissottometi li hemm kazijiet li din il-Qorti (diversament presjeduta) iddikjarat appelli bħala irriti u nulli għaliex ġew intavolati tardivament u dan anke fil-kazijiet meta l-eċċezzjoni tal-fuori termine ġiet skartata għal kollox mill-Arbitru. F'dan il-kaz l-Arbitru effettivament laqa' l-eċċezzjoni u konsegwentement cahad l-appell bhala li kien fuori termine.

L-artikolu 318 in kwestjoni jittratta dwar appell lill-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza. Is-subartikolu (3) tal-Artikolu in kwestjoni jipprodi testwalment *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), appell minn deċiżjoni tad-Direttur mogħtija taħt il-proviso li hemm mal-artikolu 35 u taħt l-artikoli 58 u 106 jista' jsir lill-Arbitru bil-miktub fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha d-Direttur jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu bil-miktub lir-rikorrent jew lill-benefiċjarju skont il-każ.*

Hu ovvju li l-appell lill-Arbitru in kwestjoni gie pprezentat oltre t-terminu statutorju ta' tletin ġurnata prefiss mill-precitat artikolu tal-ligi. Id-decizjoni tal-Bord inghatat fit-28 ta' Diċembru 2007, mentri l-appell gie intavolat fit-18 ta' Frar 2008. Komputati l-granet tax-xoghol jirrizulta illi t-tletin jum stabbiliti mill-Kap 308 gew ecceduti.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata 21 ta' Marzu 1997 bl-ismijiet "Giuseppi Caruana vs Charles sive Charlie Psaila" ġie ritenut "*L-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghu jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-*

*kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula. Dawn it-termini jehtieg li jigu osservati u dan taht piena ta' irritwalita` u nullita` tal-proceduri li ghandha, fejn tokkorri u fejn hekk jirrizultaw lilha, tigi wkoll sollevata mill-Qorti ex officio … … In-nullita` tattakka l-att innifsu. Dak l-att li fil-procedura hu null ghandu jitqies daqs li kieku qatt ma kien intavolat quddiem il-Qorti li allura jehtiegilha tiskartah indipendentement mill-mod kif l-irregolarita` tkun giet migjuba a konoxxenza taghha*"

It-termini prefissi mil-ligi huma ta' ordni pubbliku u ma tista' ssir ebda deroga minnhom. Fil-kawza "Zwack-Wandrey vs In-Sight Limited deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2010, intqal hekk dwar in-natura tat-termini ghal appell – "*Il-kwestjoni hawnhekk sollevata giet proprju minn din il-Qorti diversi drabi ezaminata. Hekk inghad illi t-termini ghall-appell minn sentenzi "huma termini perentorji u dwarhom, di regola, ma hemmx possibilita` la ta' proroga, u lanqas ta' sospensjoni jew interuzzjoni, jekk mhux fil-kazijiet eccezzjonalment mil-ligi prevvisti. Ad ezempju, fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tahbat nhar ta' Sibt jew il-Hadd jew xi gurnata festiva. Din in-natura inderogabbli tat-termini processwali ggib b'konsegwenza illi dwarhom ma jistghux jigu applikati provvedimenti sanatorji jew ta' rimessjoni, ankorke d-dekors inutile taghhom ma jkunx imputabbli lill-parti interessata. Dan ghal motiv illi dik l-improrogabilita hi hekk necessarju ghal raguni ta' certezza u, ukoll, ta' uniformita`. Sewwa hafna gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta illi osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u f'ligijiet ohra specjali li jirregolaw il-kondotta tal-proceduri quddiem il-Qrati u quddiem it-Tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistghux jigu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula."*(vide ukoll "Giuseppi Caruana -vs- Charles Psaila"- Appell Inferjuri mill-Bord li Jirregola l-Kera - 21 ta' Marzu, 1997 u "Salina Wharf Marketing Limited vs Malta Tourism Authority"- Appell Inferjuri - 12 ta' Dicembru, 2007).

Ghalhekk it-terminu stabbilit fil-liġi kellu jigi osservat strettament iżda dan fil-fatt ma giex hekk rispettat. Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara li l-appell gie

intavolat "fuori termine" u konsegwentement ghandu jitqies irritu u null u bla ebda effett fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad l-appell u b'hekk tikkonferma "in toto" id-decizjoni appellata u cioe' tal-Arbitru tas-Sigurta' Socjali taht l-Att dwar is-Sigurta' Socjali (Kap.318 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-vertenza fl-istess ismijiet premessi.

Spejjez kollha ta' dan l-appell jithallsu mil-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------